Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2015AE

**Simone Shanaisheh**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 2 ta' Dicembru 2015.

B'decizjoni tal-11 ta' Dicembru 2014, l-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) hassar id-decizjoni tal-intimat (appellant) u ddecieda li r-rikorrenti (appellata) kellha tinghata l-pensjoni tal-wens. Id-decizjoni tal-intimat kienet bazata fuq 'il fatt li l-appellata ma kinitx wahedha ddur bil-pazjent. Fil-fatt f'ittra datata 25 ta' Gunju 2014 jinghad li hemm ukoll huha Marcel Dudley li qieghed jiehu hsieb tal-genituri. Qabel l-Arbitru ta d-decizjoni, l-intimat talab li ssir korrezzjoni tar-raguni ghalfejn l-appellata m'ghandhiex tinghata l-pensjoni tal-wens, wara li kien irrizulta li Marcel Dudley kien marid u l-genituri tal-appellata kienu *wheelchair bound* u *bed ridden*. L-intimat spjega li l-appellata ma kinitx intitolata ghal din il-pensjoni ghaliex kienet genitur singlu u ghalhekk ma kinitx tissodisfa l-kriterji kontemplati fl-Artikolu 68(1) tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318). Fid-decizjoni l-Arbitru cahad it-talba u qal:

*"L-Arbitru filwaqt li jfahhar il-mod professjonali li wettaq il-hidma tieghu r-rapprezentant tad-Dipartiment Ivan Cilia, jigbed l-attenzjoni li mhux qieghed jaccetta din is-sottomissjoni ghaliex* ***l-appell huwa ibbazat fuq id-decizjoni tad-Dipartiment li dak iz-zmien wasal ghall-konkluzjoni appellata u ghalhekk l-argumenti tal-lum m'humiex validi ghal dan l-appell. Id-Dipartiment kellu jinduna qabel b'dan biex l-appellanti kien ikollha dritt taghmel sottomissjonijiet f'dan is-sens****"* (enfazi mizjuda).

L-intimat appella mid-decizjoni. L-aggravju hu li skond l-Artikolu 68(1) tal-Kap. 318, il-pensjoni tal-wens tinghata lill-persuna mhux mizzewwga jew persuna armla. Skond l-appellant, peress li l-appellata hi genitur singlu ma tikkwalifikax ghall-pensjoni tal-wens. Isostni li kieku l-intenzjoni tal-legislatur kienet li genitur singlu hu intitolat li jinghata din l-ghajnuna, allura kien jissemma espressament fl-Artikolu 68(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali. L-Arbitru kellu d-dmir li japplika l-ligi.

L-appellata wiegbet (12 ta' Frar 2015) u ddikjarat li ghalkemm mizzewwga, hi separata u m'ghandha l-ebda kuntatt ma' zewgha ghaliex gie deportat. Inoltre, l-ligi ma teskludix lill-genitur singlu mill-pensjoni tal-wens.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

Dan l-appell ser jigi michud ghaliex:-

1. Fir-rikors tal-appell, l-appellant skarta ghal kollox id-decizjoni tal-Arbitru li ma jippermettix li ssir korrezzjoni fid-decizjoni tal-appellant li biha kien cahad it-talba tal-appellata ghall-pensjoni tal-wens minhabba r-raguni li ma kinitx l-uniku persuna li qeghda tiehu hsieb lill-genituri taghha. F'dan ir-rigward l-appellat ma ressaq l-ebda aggravju.

2. Gialadarba l-Arbitru cahad it-talba ghal korrezzjoni, ovvjament kellu jiddeciedi l-kaz a bazi tad-decizjoni tal-appellant[1] li taqra:-

   *"L-applikazzjoni tieghek ghall-PENSJONI GHALL-WENS (PW) kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li m'intix/m'ghadekx intitolat/a ghal din il-Pensjoni ghaliex m'intix wahdek iddur bil-pazjent"*.

   Mill-provi rrizulta li l-appellata hi l-uniku persuna li tiehu hsieb lill-genituri.

3. Billi fir-rikors tal-appell l-appellant naqas milli jindirizza din il-parti tad-decizjoni tal-Arbitru, m'hemmx bazi biex din il-qorti tistharreg dik il-parti tad-decizjoni. Dan apparti li mill-atti ma jirrizultax li quddiem l-Arbitru kien gie trattat dan l-aspett gdid li l-appellant ried jintroduci lejn l-ahhar tal-proceduri.

4. Fil-meritu l-appell tal-appellant hu bbazat fuq 'il fatt li l-appellata hi genitur singlu, u ghalhekk fil-fehma tieghu m'ghandhiex dritt ghall-pensjoni tal-wens ghaliex skond l-Artikolu 68(1) tal-Kap. 318 din tinghata lill-*"persuna mhux mizzewga jew persuna armla"*. Fil-fatt f'ittra datata 10 ta' Novembru 2014 l-appellant kien talab lill-Arbitru biex issir korrezzjoni:

   *".... bis-sostituzzjoni jew aggustament tar-raguni moghtija bis-segwenti* ***'inti genitur singlu u ghalhekk, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 68(1) tal-Kapitlu 318'"*** (enfazi tal-qorti).

   Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellanti in kwantu skond l-Artikolu 2 tal-istess Att, genitur singlu jista' jkun ukoll *"persuna mhux mizzewweg"*.

   **Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

   Anthony Ellul.

---

[1] Decizjoni tal-11 ta' Dicembru 2013.